# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 5**

**Rikors numru 287/15 LSO**

**Richard Attard fil-kapaċita tiegħu bħala Direttur tas-soċjeta` kummerċjali bl-isem Newco Steel Limited (C11310)**

**v.**

**Adolph Baldacchino**

**Il-Qorti:**

1. B'digriet mogħti fit-23 ta' April 2015 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' *mandat in factum* bħala att eżekuttiv fir-rigward tas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2010 fil-kawża **Richard Attard nomine v. Adolph Baldacchino et** (388/2010), li biha l-istess Qorti kkundannat lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €26,795.70 li hu bilanċ dovut għall-bejgħ ta' materjal tal-ħadid li saru matul l-2008 u 2009. Il-qorti kkonkludiet li l-*mandat in factum* ma japplikax għall-

obbligazzjonijiet *di dare* u li f'kull każ il-kreditur għandu mezzi oħra kif jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv. F'dan ir-rigward għamlet ukoll referenza għall-ġurisprudenza u l-artikolu 1 tal-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319), u spjegat li minħabba dik id-dispożizzjoni it-talba tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi.

2. B'rikors preżentat fit-28 ta' April 2015 is-soċjeta` rikorrenti appellat mid-digriet tal-ewwel Qorti, u argumentat li l-obbligazzjoni tal-konvenut hi *di fare*. Għamlet ukoll referenza għall-ġurisprudenza u argumentat li għalkemm kien hemm rimedji oħra,

> *".... il-Qorti aċċettat it-talba li jinħareġ warrant in factum minħabba l-atteġġament tal-intimat. Kif qalgħet il-Qorti stess din il-miżura 'tista' tkun il-mezz waħdieni biex bih il-konvenuta tifhem sewwasew x'inhuma l-obbligi tagħha'. U dan dejjem sakemm il-Qorti ġialadarba tħoss li l-priġunerija hija wisq korrettiva u regolatorja, timponi dak illi l-Qorti tista' tagħmel illum biex talinqas tissalvagwardja d-drittijiet tal-kreditur, u ċioe' li tagħti twiddiba serja jew rimedju salvagwardanti qabel ma timponi ħlas effettiv fuq l-intimat"*.

3. Bi tweġiba preżentata fit-12 ta' Mejju 2015 l-intimat wieġeb li l-appell hu null għaliex ma jeżistix jedd ta' appell mid-digriet tal-ewwel Qorti. Fil-meritu ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

4. Il-qorti rat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

5. Permezz ta' rikors preżentat fil-25 ta' Marzu 2015 ir-rikorrent talab il-ħruġ ta' mandat *in factum* li hu wieħed mill-atti eżekuttivi li bih issir l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv.

6. Mhemmx dubju li d-digriet mogħti fit-23 ta' April 2015 mhuwiex wieħed mid-digrieti li jissemmew fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12, li jirreferi għal digrieti li jingħataw waqt kawża. Lanqas mhu digriet li ngħata bis-saħħa tal-Artikolu 173 tal-Kap. 12. F'dan il-każ mhemmx kawża.

7. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Darryl Francis Grima proprio et nomine v. L-Onorevoli Prim Ministru et nomine** deciza fil-21 ta' Gunju, 1988 qalet:

> *"Hija gurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta' Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe' dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti hemm appell, ghat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett izda biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id- digriet. U mis-sentenza li tinghata fuq dik ic-citazzjoni jista' jkun hemm anke appell"*.

8. Dak il-każ kien jitratta talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

9. Id-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-23 ta' April 2015 ma jikkonċernax il-mertu tal-kawża 388/2010, li nstemgħet u ġiet deċiża bis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2010. Kien digriet li jolqot l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza u xejn iktar.

10. L-artikolu 281 tal-Kap. 12 jipprovdi għall-proċedura sabiex persuna li kontriha jkun inħareġ att eżekuttiv jew persuna oħra interessata, tikkontesta l-ordni li bih ikun inħareġ il-mandat. Fis-sentenza **Victor Fenech et v. Anthony Fountain** tat-30 ta' Novembru 2012, din il-qorti qalet:

> *"9. Il-qorti hija tal-fehma illi l-eżekuzzjoni ma hijiex "parti" mill-mandat. Meta l-liġi tgħid illi mandat jista' jitħassar "f'parti minnu biss" qiegħda tirreferi għal każijiet bħal meta mandat jinħareġ għal sorte li tkun aktar mis- somma kanonizzata, u għalhekk jitħassar għall-parti żejda, jew meta jinħareġ kontra bosta persuni li fosthom ikun hemm min ma huwiex debitur kanonizzat, u għalhekk il-mandat jitħassar safejn ikun inħareġ kontra min ma huwiex debitur kanonizzat.*
>
> *"10. It-tħassir tal-eżekuzzjoni iżda hija differenti mit-tħassir ta' parti mill-mandat. Ir-raġuni għala l-liġi tippermetti t-tħassir ta' mandat jew ta' parti minnu iżda mhux tal-eżekuzzjoni bil-proċedura taħt l-art. 281 hija ovvja:*
>
> *"11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-quantum tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tallum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' rikors maħluf".*

11. Għalhekk huma ferm limitati l-każijiet li fihom mandat eżekuttiv jista' jiġi kkontestat taħt il-proċedura kontemplata fl-Art. 281 tal-Kap. 12.

12. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrent argumenta li hemm dispożizzjonijiet fil-Kap. 12 li jipprovdu espressament li minn ċertu digrieti mhemmx appelli (eżempju Artikolu 655(2) tal-Kap. 12 li jitratta dwar digrieti li bihom qorti tilqa' t-talba għar-rikuża ta' perit). Kompla li fil-każ ta' qorti li tiċħad talba għall-ħruġ ta' att eżekuttiv, mhemmx dispożizzjoni simili. Għalhekk isostni li jeżisti jedd ta' appell. B'dak ir-raġunament ikun ifisser li kull tip ta' digriet fejn mhemmx dispożizzjoni li teskludi appell, hu appellabbli. Madankollu kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mhux kull digriet hu appellabbli. Il-jedd ta' appell mhuwiex garantit għal kull każ.

13. Madankollu qabel l-emendi li saru bl-Att XXXI tal-2002, talba għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kienet issir b'ċitazzjoni. Dan bis-saħħa ta' emenda li saret bl-Att XXIV tal-1995 (art. 182). Permezz ta' dik il-proċedura kien jeżisti jedd ta' appell. Bl-emenda li saret bl-imsemmi Att tal-2002, talba ssir permezz ta' rikors. L-istess att ġudizzjarju li jsir meta jintalab il-ħruġ ta' atti eżekuttivi oħra (Art. 275 illum 274). Qabel l-emenda li saret fl-1995, kien fil-każ tal-mandat ta' arrest tal-persuna ta' debitur li l-liġi kienet tipprovdi li t-talba kellha ssir b'ċitazzjoni (qabel l-Art. 357), u li skont l-Artikolu 273 tal-Kap. 12 kien wieħed mill-atti eżekuttivi kontemplati mil-liġi. Att eżekuttiv li ġie revokat bl-Att XII tal-1985.

14. Fil-fehma tal-qorti bl-emenda li saret bl-Att XXXI tal-2002, it-tibdil tal-att ġudizzjarju minn 'ċitazzjoni' għal 'rikors' biss mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċiha li l-leġislatur ried jeskludi l-jedd ta' appell meta jintalab il-ħruġ ta' mandat *in factum*. Wara kollox iċ-ċitazzjoni ma baqgħetx parti mil-liġi tal-proċedura. Hu minnu li t-talba trid issir b'rikors u mhux b'rikors ġuramentat, madankollu dak il-fatt waħdu lanqas mhu biżżejjed sabiex jeskludi l-jedd tal-appell. Wara kollox wieħed irid jiftakar li jekk it-talba tintlaqa', id-debitur jispiċċa jitlef il-liberta tal-moviment. Dan apparti tal-fatt li qabel il-ħruġ ta' mandat *in factum* il-qorti għandha tilqa' t-talba biss *"(4)..... jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni"* (art. 385 tal-Kap.12). Għalhekk qabel tingħata d-deċiżjoni l-qorti għandha tagħmel indaġni, li ma ssirx fl-atti eżekuttivi l-oħra.

15. Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat.

**16.** Madankollu fil-meritu l-appellant m'għandux raġun. Mandat *in factum* jista' jintalab biss fil-każ ta' *obbligazione di fare*. Kundanna għall-ħlas ta' somma flus mhijiex dik it-tip ta' obbligazzjoni. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza hi ċara. Kif għamlet l-ewwel Qorti, din il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza li tat fis-27 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **George Xuereb v. Dorothy Xuereb**:

*"Aggravju iehor ta' l-appellant – hu hawnhekk huwa l-qofol kollu ta' din il-kawza – hu fis-sens li l-gurisprudenza msemmija mill-ewwel Qorti li tghid li mandat in factum mhux applikabbli ghal obbligazzjoni "di dare" giet sorpassata. Fi kliem l-appellant:*

*"Illi fil-mertu u dana minghajr ebda pregudizzju ghan- nullita` fuq imsemmija il-gurisprudenza msemmija giet sorpassata fis-sens illi l-interpretazzjoni odjerna hija li 'mandat in factum' huwa applikabbli ukoll ghall- konsenja tal-oggetti. In effetti l-obbligazzjoni li wiehed jikkonsenja hija fil-fatt obbligazzjoni sabiex wiehed jaghmel xi haga – obbligazione di fare.*

*"L-appellant, pero`, ma ccita jew ghamel referenza ghal ebda gurisprudenza li "issorpassat" xi gurisprudenza ohra. Issa, apparti mis-sentenzi – veru ftit antiki – msemmija fis- sentenza appellata, ghandu jigi osservat li anke aktar recentement din il-Qorti kellha l-opportunita` li tezamina l- kwistjoni tal-mandat in factum u ta' jekk dan japplikax ghal obbligazzjoni "di dare". In fatti, fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 1975 fl-ismijiet Anna mart Charles Bonnici et v. Vincenza xebba Camilleri et inghad hekk a propositu tal-kwistjoni in ezami:*

*"Illi skont il-klassika distinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, kif rikonoxxuta fl-art. 1169, 1170 u 1171 tal-Kodici Civili taghna, dawn jitqassmu f'obbligazzjonijiet "di dare", "di fare" u "di non fare". Skont l-art. 1169 l-obbligazzjoni "di dare" dejjem tirriferixxi ghal "haga". Din il-klassifikazzjoni kellha parti importanti fil- gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dwar il-hrug ta' mandat 'in factum' taht l-art. 386 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 15) billi, nonostante certa oxxillazzjoni f'din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat 'in factum' ma jistax jintalab ghall- esekuzzjoni ta' obbligazzjoni "di dare", anke jekk ordnata b'sentenza, imma jista' jintalab ghall- eseluzzjoni ta' obbligazzjoni "di fare". Kif gie deciz mill-Imhallef Dottor Giovanni Pullicino fid-19 ta' Novembru, 1898 fl-ismijiet Pace Bonello vs. Gatt (Koll. Vol. XVI, II, 340): "Per la spedizione del mandato 'in factum' e` necessario l'inadempimento di un fatto personale del debitore. L'obbligo di pagare una somma di denaro o di consegnare o depositare una cosa determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenze, consiste in una obbligazione di dare e il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato 'in factum';*

*"Illi din il-Qorti taqbel li l-obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" hi obbligazzjoni "di dare" u mhux "di fare"....u li ghalhekk f'kaz ta' obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" jidher pjuttost li ghandha tigi segwita l- gurisprudenza fuq imsemmija, ghalkemm lanqas ma jista' jinghad li l-kurrent l-iehor gurisprudenzjali hu traskurabbli.*

*"F'dik il-kawza (cioe` Bonnici et v. Camilleri et) din il- Qorti kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat in factum proprju ghax l-obbligazzjoni li wiehed jghaddi tifel, li jkun jinsab ghandu, lil haddiehor*

*ma setax jitqies bhala l- konsenja ta' "haga", peress li l-persuna umana m'ghandhiex tigi ekwiparata ma "oggetti" mobbli. B'dan il-mod, pero`, din il-Qorti f'dik il-kawza kkonfermat il- gurisprudenza prevalenti li fil-kaz ta' obbligazzjoni "di dare" ta' haga jew hwejjeg il-mandat in factum ma hux applikabbli. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament, u ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant Xuereb qieghed jigi wkoll respint"*.

**17.** It-titolu eżekuttiv li għandu r-rikorrent hi s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2010 li biha l-Qorti Ċivili, Prim'Awla kkundannat lill-appellat sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €26,795.70. F'dak li ntqal fir-rikors tal-appell u wkoll waqt it-trattazzjoni mhemm assolutament xejn li b'xi mod jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li għal dan il-każ seta' jitlob il-ħruġ ta' *mandat in factum* kontra l-appellat.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni tal-appellat li l-appell hu null u tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-deċizjoni tal-qorti tal-ewwel grad. Spejjeż tal-eċċezzjoni preliminari a karigu tal-appellat u l-kumplament a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb